MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 34/K6/2011 |
| Data: | It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2011 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Dott. Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Matthew Agius |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |
| Skuzat: | Il-Kunsillier: | Sur Emanuel Abela |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie publikat nhar it-Tlieta l-22 ta' Novembru 2011. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 33/K6/2011.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati
7. Affarijiet ohra jekk urgenti.
8. Aggornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

**Seduta Nru 34/K6/2011**

**Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 33/K6/2011**

1300. Dwar minuta 1270, C Selvaggi qal li l-minuta ghanda tispicca bil-kliem "…. Jun puntwali," izda is-Sindku qal li sfortunatament nqabad xoghol.

1301. Il-Kunsill qabel li il-numru tal-minuta 1274, ghandu jinbidel u jsir 1273(b).

1302. E Brincat qal li minuta 1283 ghanda tinbidel u tigi taqra:
"1297 – Is-Segretarju qal lid in hija korrispondenza mibghuta mis-Sur Randolph Spiteri, Segretarju tal-EUC. Fil-korrispondenza jidher li Transport Malta approvat biex il-parking bays quddiem il-Kazin tal-Banda jitnehhew, u l-EUC qed jitlob lill-Kunsill jghamel dan ix-xoghol **ghax it-triq hija wahda arterjali u ghaldaqstant responsabilta ta' Transport Malta.** E Brincat oggezjona. Il-Kunsill qabel illi jghamel dan ix-xoghol."

1303. E Brincat qal li f'minuta 1292, ghanda tizdied sentenza fl-ahhar tal-minuta li tghid: "E Brincat qal ukoll li ghandha ssir laqgha mal-perit u mal-kuntrattur".

1304. M Baldacchino qalet li trid tizdied minuta 1295(b), li tghid: "Ser tigi organizzata attivita ohra ta kant gewwa l-Knisja Parrokjali fejn l-ispejjes ma ghandhomx jaqbzu l-€200."

1305. Is-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti gew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

**Punt 2 Materji mill-Minuti**

1306. Dwar minuta 1267, fuq l-*embellishment* ta' Gnien is-Swatar, E Brincat qal li ix-xoghol beda, fejn sa issa tqeghdet it-torba u l-katusi tal-ilma tax-xita ghal grawnd tal-futbol.

1307. Dott. Grima saqsa kienx hemm progress fuq minuta 1273, dwar il-laqgha mal-Ispettur tal-Pulizija. Is-Sindku qal li l-Ispettur ma setghax jiltaqa mieghu. Is-Sindku kompla billi stqarr li llum stess bdejna bil-Pulizija pajzana biex jikontrollaw u iharku fuq kontravenzjonijiet relatati mal-*Litter Act*.

1308. Dott. Grima saqsa kienx hemm zvilupp fuq minuta 1279, dwar l-implimentazzjoni ta' *Residents Parking Scheme*. Is-Segretarju qal li ircivejna korrispondenza min Transport Malta dwar kif ghandu isir l-istudju u l-applikazjoni. Il-Kunsill qabel li tinhareg sejha ghall-kwotazjonijiet sabiex isir dan l-istudju tekniku.

1309. Dwar minuta 1275, is-Sindku qal li ma kellux cans jikteb l-ittra lir-residenti ta' Triq Principesca Margerita.

1310. Dwar ix-xoghlijiet fi Triq Victor Denaro msemmija f'minuta 1292, E Brincat qal li ssejhet laqgha mal-kuntrattur sabiex jigi diskuss l-ahhar xoghol ta' tqeghid ta' tarmac.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

E Brincat qal ukoll li fi Triq il-Punent ix-xoghlijiet mill-Enemalta mexjin, u malli dawn ilestu, jibda il-kuntrattur tal-Kunsill.

1311. Dwar minuta 1282, M Baldacchino saqsiet jekk kienetx intbghatet il-petizjoni lill-Ministri msemmija. Is-Segretarju wiegeb fil-pozittiv u qal li l-ebda mill-Ministeri ma wiegbu. M Agius hawn talab li tintbghatlu l-*covering letter* sabiex jkun jista jsegwi il-progress ta' din il-materja mal-Ministeri koncernati.

1312. M Agius saqsa kienx hemm progress fuq minuta 1285. Is-Segretarju qal li issa ma hemmx x'taghmel la darba id-decizjoni mid-Diaprtiment ittiehdet. Fl-ahhar mill-ahhar, it-twegiba mill-Kunsill qatt ma intbghatet.

1313. Dwar minuta 1289, E Brincat saqsa intbghatitx l-ittra lill-Transport Malta msemmija. Is-Segretarju wiegeb fil-pozittiv.

1314. Dwar minuta 1290, E Brincat qal li din is-*sleeping police* ser tinqala dil-gimgha stess. E Brincat qal li ma inqalghatx s'issa minaba x-xita ta' dan l-ahhar jiem.

1315. Dwar minuta 1292, E Brincat qal li huwa ghadu qed jitlob laqgha mal-Perit. Is-Segretarju qal li huwa mhux lest, li bhal ma dejjem jigri, jispicca jkun hu wahdu li jghamel laqgha ta' din in-natura, minghajr l-ebda Kunsillier jattendi. Il-Kunsill qabel li tinftihem data ghal din il-laqgha.

1316. E Brincat hareg mill-laqgha. Hin: 18.47

1317. E Brincat dahal fil-laqgha. Hin: 18.49

**Punt 3 Korrispondenza**

1318(a). 1549 – Is-Sindku qara korrispondenza mibghuta mill-avukat tal-Kunsill lill-kuntrattur Road Servicing Ltd. sabiex isewwi z-*zebra crossing* ta' Triq Principesca Margerita.

1318(b) 1549 – Is-Segretarju spjega ukoll li b'ezitu ghal kaz li bhalissa l-Kunsill gie mharrek fil-Qorti, dwar dan li gew soffruti min terzi wara li xi gebel waqa mil-bridge ta' Triq San Lwigi, l-avukat qed jirrakomanda li jsir Protest Gudizjarju, sabiex Transport Malta tassumi responsabilta ghal dan il-periklu. Il-Kunsill qabel.

1319. 1529 – Is-Sindku qara l-ittra ta' ringrazzjament mill-grupp *Subculture Animal Friends*, fejn il-Kunsill, flimkien ma Kunsilli ohra, dahal ghal progett ta' publikazjoni ta' ktejjeb dwar il-harsien tal-annimali li ser jitqassam lit-tfal tal-iskola primarja.

1320. 1536 – Is-Sindku prezenta petizjoni mir-residenti ta' triq Mins. Innocenz Zammit, fejn dawn ir-residenti qed jitolbu *Residents Parking Scheme*. Il-Kunsill innota li huwa fi qbil ma din il-proposta u li ghanda tkun parti mill-istudju li ser jigi mniedi dalwaqt.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1321. 1523 – Is-Segretarju qal li l-process mal-MEPA ghat-tqeghid tal-bust tat-tabib Robert Naudi miexi.

1322. C Selvaggi prezenta korrispondenza li rcieva huwa dwar talba biex isiru *bollards* fi Triq il-Wied, taht il-Housing Estate, peress illi numru ta' nies qed jiparkegjaw illegalment fuq il-bankina u jghalqu l-access ghal-flats u l-ufficini tas-Sigurta Socjali.

**Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar**

1323. Fin-nuqqas tac-*Chairperson*, dan il-punt ma giex diskuss.

**Punt 5 Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet**

1324. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti ghall-approvazjoni.

1325. Dwar punt 44, il-Kunsill qabel li dan ghandu jithallas immedjatament sabiex tkun tista tinhareg ir-rifuzjoni tal-fondi mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali.

1326. Il-lista giet approvata u iffirmata mis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera.

**Punt 6 Approvazzjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati**

1327. Kumitat Offerti Publici - Is-Sindku qal li bil-prezzijiet mrahhsa, l-offerti issa huma kollha taht €50,000.

Il-Kumitat innota illi l-kuntrattur SRF Cleaning Services ghandu esperjenza kbira f'dan is-settur, hekk kif ukoll, esperjenza pozittiva hafna mal-Kunsill Lokali Msida ghal snin twal f'dan l-istess servizz.

Is-Sindku qal li l-prezz kif kien sottomess huwa kwazi l-istess ta' sitt snin ilu, u li sahansitra, bir-rohs offrut, il-prezz issa gie aktar vantagjuz u aktar *affordable*. Il-Kumitat ghaldaqstant qed jirrakomanda l-offerta tal-kumpanija *SRF Cleaning Services Ltd.* ghal dan is-servizz.

Il-Kunsill qabel.

1328. Kumitat Ghazla ta' Skrivana – Is-Sindku qal li mit-tieni lista li intbghatet mill-ETC, u wara li saru l-intervisti, ma intghazel hadd. Is-Sindku qal li ser niprocedu billi isir is-*shortlisting* mit-tielet u l-ahhar lista tal-ETC.

**Punt 7 Affarijiet ohra jekk urgenti**

1329. Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera jekk humiex fi qbil li l-fuljett tal-Kunsill jibda isir f'forma ta' gazzetta. Dan minaba ragunijiet finanzjarji, fejn il-fuljett ma Gadus *affordable* li jsir darbtejn fis-sena.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1330. E Brincat qal li zmien ilu kien ressaq proposta biex it-tfal tal-lokal jigu mhegga jattendu in-nursery tal-futbol tal-Imsida, fejn il-Kunsill jhallas parti mill-mizata tat-tfal li jattendu din in-nursery. Is-Segretarju qal li d-darbtejn jew tlieta li saqsa id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar jekk din tistax issir, qatt ma rcieva risposta. Il-Kunsill stqarr lid in l-*policy* diga ssirr f'Kunsilli ohra.

Il-Kunsill qabel li jhallas €20 mil-mizata ta' kull tifel mill-Imsida li jattendi n-nursery tal-futbol tal-Imsida.

1331. M Baldacchino qalet li fin-nuqqas ta' E Abela, qeghda twassal talba minnu sabiex l-istaff tal-Kunsill ikun jista jattendi ghall-ikla tal-anzjani tal-Milied. Il-Kunsill qapprova. M Baldacchino semmit ukoll il-girja tal-President u hegget lill-Kunsilliera jattendu.

1332. M Agius fakkar biex issir l-istima ghat-tiswijiet fil-bankina fejn l-Universita.

1333. C Selvaggi saqsa jekk hux vera li Transport Malta ser tghamel it-*traffic lights* fejn l-HSBC. Is-Segretarju qal li l-Perit tad-Distrett ta' Transport Malta qallu hekk fuq it-telefon xi gimgha ilu.

1334. C Selvaggi heggeg lis-Sindku sabiex jiddiskuti il-materja ta' Vivian Commercials mal-Ispettur malajr kemm jista jkun.

**Punt 8 Aggornament**

1335. Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 21 ta' Dicembru 2011.

Approvati llum ________________________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com